MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 3/2004

**Socjeta` Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Marzu, 2004, il-Bord ta' l-Appelli tat-Telekomunikazzjonijiet ippronunzja s-segwenti decizjoni:-

"Il-Bord ta' l-Appelli (il-Bord) wara li ra l-appell tas-socjeta` Vodafone Malta Limited (is-socjeta` appellanti) u r-risposta ta' l-Awtorita` tat-Telekomunikazzjonijiet (l-Awtorita`) u wara li ezamina l-provi u d-dokumenti tal-partijiet u wara li sema' it-trattazzjoni tad-difensuri taghhom.

Ikkonsidra:

Illi is-socjeta` appellanti talbet: (1) li dan il-Bord jissospendi immedjatament l-penali imposta mill-Awtorita` appellata fuq is-socjeta` appellanti tat-22 t' Ottubru 2003; (2) Talbet ukoll li l-istess decizjoni tat-22 t' Ottubru 2003 ta' l-Awtorita` ma tkun tapplika ebda penali kontra s-socjeta` appellanti.

Illi d-decizjoni ta' l-Awtorita` tat-22 t' Ottubru 2003 imponiet multa (*fine*) ta' ghaxar liri ghal kuljum sakemm is-socjeta` appellanti "*decides to comply with the Authority's requirement to furnish the aforesaid contracts*" u cioe` "*copies of the contracts with the Airline Pilots Association and the Union of the Cabin Crew*". Fl-imsemmija decizjoni, l-Awtorita` iddikjarat "*The Authority considers that the contention by VFM that the contracts were concluded before the issue of the Authority's guidelines does not justify VFM's persistent refusal to furnish copies of the said contracts more so as this omission by VFM is effectively depriving the Authority of access to information which would assist the Authority in the performance of its functions.*"

Illi finalment l-Awtorita`, fid-decizjoni taghha, ghamlet riferenza ghas-segwenti ligijiet bhala sostenn tad-decizjoni taghha u cioe`: a) Regolament 2 ta' l-Avviz Legali 278/1998; b) Regolamenti 27 u 44 ta' l-Avviz Legali 151/2000; c) l-Att dwar it-Telekomunikazzjonijiet; d) Kondizzjoni 1.6 tal-licenzja moghti lis-socjeta` appellanti; e) l-Avviz Legali 231 ta' l-2002 fejn jikkoncerna l-multa imposta minnha.

Illi peress li t-talbiet tas-socjeta` appellanti jikkoncernaw unikament l-penali imposti mill-Awtorita` kontriha, il-Bord ser jillimita l-konsiderazzjonijiet tieghu unikament fir-rigward tal-provi rilevanti ghall-imposizzjoni ta' l-istess.

Illi mill-provi rrizulta illi is-socjeta` appellanti irrifjutat illi tghaddi l-kuntratti mitluba bhala konsegwenza ta' decizjoni konxja li ma tikkoperax ma' l-Awtorita` fejn jikkoncerna l-implimentazzjoni ta' *guidelines* mghoddija fil-materja ta' '*Group Schemes*'. Il-kontenzjoni tas-socjeta` appellanti

kienet li semmai l-imsemmija *guidelines* kellhom japplikaw unikament ghall-kuntratti li is-socjeta` appellanti kienet ser tikkonkludi wara l-imsemmija *guidelines* gew *in vigore.*

Illi f' dan il-kuntest il-Bord jaghmel referenza ghall-*e-mail* mibghuta minn Joseph Cuschieri, *Chief of Operations*, ta' l-Awtorita` lill-Avukat Joanne Drake tas-17 ta' Gunju 2003 fejn gie rilevat li fuq informazzjoni mghoddija lill-Awtorita` minn terzi persuni, l-Awtorita` "*has strong reasons to believe that Vodafone Malta Ltd is offering the tariff plans applicable under the Multi Corporate Scheme (CMS) to groups in an abusive manner, which is departing from the subscriber tiers applicable to these rates.*" (DOK. K). L-Awtorita` informat lis-socjeta` appellanti li minhabba f' hekk kienet ser tinvestiga "*this matter further and consider also issuing guidelines to the general public on the applicability of these schemes.*"

Illi minn dan l-*e-mail* jirrizulta car li l-Awtorita` talbet ghall-kuntratti *de quo* bhala parti minn investigazzjoni li kienet bdiet fil-konfront tas-socjeta` appellanti. Dan qed jinghad stante li l-Awtorita` ma kienet ghadha hadet ebda decizjoni finali fil-konfront tas-socjeta` appellanti fejn jikkoncerna n-nuqqas t' osservanza ta' xi regolamenti. L-informazzjoni mitluba setghet biss tghin l-Awtorita` tistabilixxi jekk l-allegazzjonijiet li wasslu ghandha minn xi terzi persuni, mhux identifikati, jekk kienux minnhom jew le.

Fil-fatt imkien ma rrizulta li din l-investigazzjoni intemmet jew li waslet ghal xi determinazzjoni ta' ksur ta' xi obbligi da parte tas-socjeta` appellanti. F' kwalunkwe kaz jekk dan sar ma giex notifikat lill-istess socjeta` appellanti.

Illi ghalhekk , s-socjeta` appellanti konfrontata minn din is-sitwazzjoni hadet d-decizjoni li ma tikkoperax ma' din l-indagni stante li huma hassew, korrettament jew le mhux rilevanti f' dan l-istadju, li legalment il-bazi regolamentorja ma kinetx tapplika ghalihom. Irrizulta li, anke mill-ittra mibghuta lill-Awtorita` mill-avukati tas-socjeta` appellanti, illi r-rifjut biex jghaddu l-informazzjoni kienet fil-kontest ta' din il-kontroversja.

Illi l-Bord ghandu il-kompetenza illi jannulla jew jibdel multa imposta mill-Awtorita` "meta dik il-penali ma tkunx tista' skond il-ligi tigi imposta fic-cirkostanzi tal-kaz." [Artikolu 8 (3)].

Illi ghalhekk il-Bord ezamina d-disposizjonijiet citati mill-Awtorita` sabiex jigi accertat jekk il-Multa gietx imposta skond il-ligi, u l-Bord wasal ghall-konkluzjoni illi l-informazzjoni mitluba mill-Awtorita` fil-fatt tinkwadra ruhha fil-kuntest ta' investigazzjoni pero` ma rrizultax li xi agir da parti tas-socjeta` appellanti in konnessjoni mar-rapport li wasal ghandhom kien jirrizulta f' xi ksur ta' xi regolament jew ligi.

Illi l-Awtorita` fir-risposta taghha sahqet li "l-punt kardinali f' dan l-appell hu jekk l-Awtorita` ghandhiex is-setgha u d-dmir li tinsisti li l-appellanti tforni lill-Awtorita` kopja tad-dokumentazzjoni in kwistjoni mertu ta' dan l-appell (para 2.9).

Illi l-Bord jikkonsidra li t-talba ghall-informazzjoni kienet certament legittima pero` l-Bord jikkonsidra li r-rifjut da parti tas-socjeta` appellanti fil-kuntest ta' l-investigazzjoni kienet tfisser li kienet qed tassumi r-responsibiltajiet taghha billi ma tikkoperax, bhala difiza taghha.

Illi mil-lat procedurali l-Awtorita`. wara r-rifjut tas-socjeta` appellanti, kellha tghaddi mill-fazi investigattiva ghall-fazi ezekuttiva fejn kien jikkoncerna r-rapport u mhux tibqa' tinsisti ghall-informazzjoni mitluba. Pero` l-Awtorita` ddecidiet minflok, li tghaddi biex timmulta s-socjeta` appellanti tan-nuqqas li tghaddi l-informazzjoni qabel ma hadet decizjoni finali fil-mertu dwar xi nuqqas ta' osservanza ta' xi regolament jew ligi fil-mertu.

Illi din id-differenza hija fondamentali fejn jikkoncerna dan l-appell.

Illi l-Bord jaghmel referenza ghall-Artikolu 44 (4) ta' l-Avviz Legali 151 ta' l-2000 fejn hu stipulat li "meta jkun qed jitlob dak it-taghrif ir-regolatur m' ghandux jimponi xi piz mhux

dovut fuq xi operatur filli jikseb u jipprovdi dak it-taghrif, b'mod partikolari, operatur ma jkunx mehtieg li jaghti taghrif li ma jkunx normalment disponibbli ghandu, kemm-il darba r-Regolatur ma jikkunsidrax dak it-taghrif bhala wiehed essenzjali."

Illi ghalhekk l-informazzjoni imsemmija fl-artikolu citat, tinkwadra ruhha fir-rapportagg tekniku u ta' kontijiet. Operatur ghalhekk ghandu bhala norma jikkopera u jghaddi informazzjoni lill-Awtorita`.

Illi pero` fil-kuntest ta' tilwima legali, in-nuqqas ta' koperazzjoni ta' operatur tista' twassal ghall-passi, decizjonijiet fil-mertu da parti ta' l-Awtorita` li jiehdu in konsiderazzjoni l-fatt li l-operatur investigat ma produciex xi difiza accettabbli ghall-Awtorita`. Naturalment wara li jkun hekk ikkundannat fil-mertu mill-Awtorita` l-operatur ikun jista' jikkontesta l-mizura ezekuttiva nnifsha.

Illi l-Bord jikkonsidra li din l-procedura hija rikjesta skond il-pnincipji bazici tar-regoli tal-gustizzja naturali u senjatament tal-principju fondamentali ta' l-*audi alteram partem*" u li allura n-nuqqas t' osservanza taghha jwassal ghall-annullament tal-multa moghtija mill-Awtorita`.

Illi l-Bord jenfasizza illi dan qed jinghad minghajr ebda pregudizzju ghal kwalunkwe indagni, accertamenti jew mizuri ohra li l-Awtorita` tista' taghmel fil-konfront tal-mizuri mehuda mill-appellanti, jekk l-Awtorita` thoss li hekk ikun il-kaz skond li-ligi. Kif ukoll minghjar pregudizzju ghall-validita` o meno ta' xi regolamenti mghoddija mill-Awtorita`.

Ghal dawn il-konsiderazzjonijiet il-Bord jiddecidi illi l-multa mghotija milli-Awtorita` mertu ta' dan l-appell ma nghatax skond il-ligi u li ghalhekk hija nulla u bla effett."

Minn din is-sentenza appellat l-Awtorita` bl-aggravju principali illi l-Bord ta' l-Appelli kien guridikament zbaljat in kwantu injora disposizzjonijiet cari tal-ligi oltre li s-

sentenza tikkontjeni kontradditorjeta` u dan kien jaghmilha illogika;

Jidher li l-punt legali li fuqu sar dan l-appell hu in succint dan. Il-Bord filwaqt li jirrikonoxxi lill-Awtorita` appellanti s-setgha li tinsisti ghall-informazzjoni mitluba minghand is-socjeta` appellata ikkonkluda, imbaghad, illi rinfaccjata bir-rifjut tas-socjeta` hi kellha tghaddi mill-fazi investigattiva ghall-fazi esekuttiva. Skond il-Bord dan kellu jkun l-*iter* procedurali li kellha ssegwi l-Awtorita` biex wara, sta ghas-socjeta` appellata li tikkontesta l-mizura ezekuttiva;

Jinghad mill-ewwel, b' osservazzjoni ta' dan ir-ragonament tal-Bord, illi fil-fehma konsiderata tal-Qorti, tali ragonament huwa ghal kollox fallaci. Bizzejjed jinghad illi l-ligi in materja ma tistax tigi interpretata kif sostanzjalment interpretaha l-Bord fis-sens tal-parti razzjonali tas-sentenza tieghu. Ma hemm ebda gustifikazzjoni fil-ligi u fir-regolamenti ghar-ragonament hekk zbaljatament raggunt;

Jibda biex jigi notat b' osservazzjoni preliminari illi l-Att XXXIII ta' l-1997 dwar it-Telekomunikazzjoni (Kapitolu 399) u r-regolamenti pubblikati in forza tieghu jakkordaw lill-Awtorita` b' attribuzzjonijiet u b' setghat diskrezzjonali ghat-twettiq ta' l-Att regolanti t-telekomunikazzjonijiet (Artikolu 3 ta' l-Att). *Inter alia*, kif stabbilit b' Avviz Legali 278 ta' l-1998, li jitlob informazzjoni minghand kull operatur koncernanti "*any other operational, accounting, financial, statistical or techinical information as the Regulator may deem fit to acquire for the carrying out of his functions"*. Ghalkemm l-Artikolu 2 ta' l-Avviz Legali msemmi juza l-kelma '<u>*may*</u>' din certament tindika fakolta li tista' tuza l-Awtorita` skond in-necessita` li thoss meta tkun qeghda tikkonduci investigazzjoni;

Dan premess, min-naha l-ohra l-operatur jew provditur awtorizzat ta' servizz tat-telekomunikazzjoni <u>ghandu</u>:

(a) “ihares id-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att u ta’ kull regolament li jsir bis-sahha tieghu kif ukoll il-patti u l-kondizzjonijet ta’ l-awtorizzazzjoni; u jimxi skond kull direttiva ta’ l-Awtorita` [ara Artikolu 4 (4) tal-ligi] hekk kif tista’ tkun awtorizzata li tohrog b’ dan l-att jew bis-sahha tieghu” [Artikolu 18 (f) ta’ l-Att];

(b) jippermetti lill-Awtorita` tikkonduci kull spezzjoni jew sorveljar “bil-ghan li tigi nvestigata kull haga li jkollha x’ taqsam mat-tharis ta’ dan l-Att, ta’ kull regolament li jsir bis-sahha tieghu u ta’ kull patt u kondizzjoni tal-licenzja jew ta’ kull direttiva mahruga jew moghtija mir-Regolatur jew sabiex tigi zgurata dik l-konformità” (Artikolu 26 ta’ l-Att);

(c) Din l-imposizzjoni tassattiva fuq l-operatur hi rikapitolata f’ bosta disposizzjonijiet ohra tal-ligi principali kif ukoll tar-regolamenti; *ad exemplum*, Artikoli 27, 33 u 44 ta’ l-Avviz Legali 151 ta’ l-2000. U anke jekk mhux ta’ siwi ghac-cirkostanzi ta’ dan il-kaz id-direttiva mposta fuq is-socjeta` appellata bl-Avviz Legali 346 ta’ l-2004;

Dan kollu qed jigi registrat biex juri li l-iskop tad-disposizzjonijiet imsemmija hu proprju dak li enfatikament jimponu l-obbligu ta’ l-adempiment da parti ta’ l-operatur ghas-sejhiet, u direttirvi ta’ l-Awtorita` u tal-harsin ta’ dawk in-normattivi li jirregolamentaw ir-rapporti guridici stabbiliti mil-ligi;

Precizat is-suespost, kif taraha din il-Qorti, il-funzjoni tal-Bord fil-kaz taht konsiderazzjoni kellu jkun dak li jezamina u jistabbilixxi:-

(a) l-accertament tan-normi applikabbli ghal fatt u l-interpretazzjoni taghhom;

(b) kienx hemm vjolazzjoni ta’ dawn in-normi u tar-regolamenti suespressi da parti tas-socjeta` appellata u allura jekk il-kondotta taghha li tirrifjuta li tforni l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni rikjesta kienetx anti-guridika;

(c) jekk, una volta stabbilit li kien hemm din il-vjolazzjoni, l-Awtorita` ezercitatx d-diskrezzjoni taghha

sew fir-rispett tal-ligi u tar-regolamenti meta ghaddiet biex timponi, b' sanzjoni, il-penali amministrattiva skond l-Artikolu 3 ta' l-Avviz Legali 231 ta' l-2002;

Minn ezami anke superficjali tas-sentenza mpunjata jidher kjarament illi l-Bord illimita l-kwestjoni quddiemu ghal dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(i) it-talba ta' l-Awtorita` ghat-taghrif mitlub kien parti minn investigazzjoni li kienet qed tikkonduci. Cionostante l-ebda agir ta' xi ksur ta' regolament jew ligi ma kien qed jigi kwerelat fl-ambitu tar-rapport li sarilha;

(ii) it-talba ta' l-Awtorita` ghall-informazzjoni kienet legittima;

(iii) ir-rifjut tas-socjeta` appellata kellu jgib li l-Awtorita` ma tibqax fil-fazi investigattiva u ghall-insistenza ghall-informazzjoni rikjesta izda tghaddi ghall-fazi ezekuttiva fejn kien jikkoncerna r-rapport u mbaghad sta ghas-socjeta` appellata li tikkontesta d-decizjoni fil-meritu;

(iv) *Ergo*, u *quod erat demonstrandum*, dan iwassal ghall-annullament tal-multa nflitta;

Kif gja osservat dawn ir-riflessjonijiet tal-Bord huma ghal kollox fallaci. Ibda biex il-ksur tar-regolament jew tal-ligi ma kellux ikun inkwadrat fil-qafas tar-rapport antecedenti ghall-investigazzjoni imma dak il-ksur kellu jitqieghed fil-perspettiva tar-rezistenza u tar-rifjut tat-talba legittimament maghmula mill-Awtorita` ghall-informazzjoni domandata. Kien dan in-nuqqas u din l-inadempjenza li gabu l-vjolazzjoni da parte tas-socjeta` appellata tad-disposizzjonijiet tal-ligi u tar-regolamenti, senjatament, u b' mod partikolari, ir-regolament 2 ta' l-Avviz Legali 278 ta' l-1998;

Fit-tieni lok, una volta l-Bord sab li d-diskrezzjoni ta' l-Awtorita` giet korrettement u legalment adoperata, fis-sustanza u fil-forma tal-procedura mehtiega, tant li t-talba tqieset bhala wahda legittima, kellu necessarjament isegwi illi l-Bord kellu jezamina mbaghad jekk is-socjeta` appellata, *qua* operatur, ivvjolatx bl-agir tar-rifjut taghha n-

norma espressa tal-ligi u ta' l-avviz legali msemmi bil-konsegwenti imposizzjoni tal-penali da parte ta' l-Awtorita` b' rizultat ta' tali vjolazzjoni. Dan skond kif dispost f' Regolament 3 ta' l-Avviz Legali 231 ta' l-2002;

Huwa ovvju illi r-rikors li ghamel il-Bord ghad-dispost ta' l-Artikolu 44 (4) ta' l-Avviz Legali 151 ta' l-2000 huwa ghal kollox zbaljat. Korrettement intiz dan kellu jfisser illi l-operatur ma setax jigi gravat b' pizijiet meta l-informazzjoni rikjesta ma kienetx disponibbli ghas-socjeta` appellata izda din dehrilha li kellhom jinghataw biss certi kuntratti u mhux ohrajn. Ghandu f' dan il-kuntest jinghad ukoll illi skond il-korrispondenza esebita l-Awtorita` kienet qed tqis it-taghrif dwar dawn il-kuntratti bhala essenzjali ghall-ezekuzzjoni tal-funzjonijiet investigattivi taghha;

Biex jinghad l-anqas imbaghad huwa nkoncepibbli, jekk mhux ukoll irrazzjonali, illi jigi pretiz li l-Awtorita` tikkonsidra l-meritu ta' l-investigazzjoni minghajr dak it-taghrif. Kieku fil-prattika l-Awtorita` segwiet dan il-pass il-probabilita` logika kienet tkun li s-socjeta` appellata kienet 'il quddiem tikkritikalha d-decizjoni b' arbitrarjeta`, assenza ta' taghrif, diskrezzjoni immotivata u skarna mir-raguni, jekk mhux ukoll tirrinfacjaha b' xi allegat ksur tal-principji ta' gustizzja naturali;

Stabbiliti dawn il-konsiderazzjonijiet hi l-fehma tal-Qorti li l-Awtorita` appellanti agixxiet kif kontemplat fil-ligi u fir-regolamenti precitati. Ligi din li ma setghetx tigi nterpretata bil-mod prefiss mill-Bord;

Il-Bord kellu jqis l-inadempiment tas-socjeta` appellata fil-qafas tac-cirkostanzi rizultanti u gjaladarba dan sab li tali inadempiment kien hemm, ma kienx kompitu tieghu x' kellha taghmel l-Awtorita` b' konsegwenza. Hu kellu jara biss jekk tali inadempiment kolpevoli tas-socjeta` appellata kienx kondizzjoni sufficcjenti biex jinsorgi d-dritt ghall-penali, li ghalkemm tibqa' fid-diskrezzjoni ta' l-Awtorita` li timponiha (bl-uzu tal-verb "tista'" fl-Artikolu 3 ta' l-Avviz Legali 231 ta' l-2002), una volta mposta, titqies

fundamentalment koercittiva ghall-fini li tigi assikurata ottemperanza mat-talba;

Hu l-kaz ghalhekk, in raguni ghall-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula, illi din il-Qorti twarrab id-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell billi l-valutazzjoni fiha maghmula mhux biss mhix gustifikata u legittima izda hi wkoll guridikament vizzjata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell migjub mill-Awtorita` appellanti u b’ hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Bord ta’ l-Appelli tat-Telekomunikazzjonijiet tas-26 ta’ Marzu 2004. L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` Vodafone Malta Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------